— żnaturament fir-rigward tal-fatt li l-osservanza tat-termini ta' żmien kien affetwat b'mod ħażin ġaladarba kienet l-unika eżaminatur li taħdem bil-Finlandiż għal parti mill-perijodu ta' evalwazzjoni u biss waħda minn żewġ eżaminaturi Finlandiżi għall-kumplament tal-perijodu ta' evalwazzjoni;

— żnaturament fir-rigward tal-fatt li l-appellanti kienet titratta numru anormalment kbir ta' każijiet partikolarment differenti u li jinvolvu ħafna żmien;

— żnaturament tal-fatti fir-rigward tal-impatt negattiv li l-implementazzjoni tas-sentenza IP Translator [tad-19 ta' Ġunju 2012, Chartered Institute of Patent Attorneys, C-307/10, Ġabra, EU:C:2012:361] kellha fuq il-produttività kwantitattiva tal-appellanti u fuq l-osservanza tat-termini ta' żmien tad-deċiżjonijiet tal-appellanti;

— żnaturament tal-fatti fir-rigward tal-figuri ta' osservanza tat-termini ta' żmien tal-appellanti meta mqabbla ma' dawk ta' eżaminaturi oħra.

2. It-tieni aggravju bbażat fuq żball ta' liġi min-naħa tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku billi qal li żball manifest fl-evalwazzjoni tal-prestazzjoni ma ġiex ikkonstatat ġaladarba minn seba' kompetenzi evalwati, ħamsa tqiesu li kienu minn tal-inqas konsistenti mal-livell meħtieġ għall-pożizzjoni okkupata.

3. It-tielet aggravju bbażat fuq żball ta' liġi min-naħa tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku billi ċaħad il-motiv ibbażat fuq l-abbuż tad-dmir ta' fiduċja min-naħa tal-UASI.

4. Ir-raba' aggravju bbażat fuq żball ta' liġi min-naħa tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku billi ċaħad il-ksur tal-aspettattivi leġittimi tal-appellanti min-naħa tal-UASI.

---

**Rikors ippreżentat fil-31 ta' Mejju 2015 – Smarter Travel Media vs UASI (SMARTER TRAVEL)**

**(Kawża T-290/15)**

(2015/C 262/44)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Smarter Travel Media LLC (Boston, l-Istati Uniti tal-Amerka) (rappreżentanti: P. Olson, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "SMARTER TRAVEL" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 460 044

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-20/03/2015 fil-Każ R 1986/2014-2

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Il-Bord tal-Appell żbalja meta ddeċieda li t-trade mark ma kinitx distintiva;

— Il-Bord tal-Appell żbalja meta applika b'mod żbaljat id-deċiżjoni *Bild*;

— Il-Bord tal-Appell żbalja meta ma ħax inkunsiderazzjoni li t-trade mark kien fiha element li seta' jiġi rreġistrat indipendentement;

— Il-Bord tal-Appell żbalja meta ma ħax inkunsiderazzjoni li l-istess trade mark b'logo differenti kienet ġiet irreġistrata għal essenzjalment l-istess servizzi u li l-applikazzjoni l-ġdida hija sempliċement modernizzazzjoni;

— Il-Bord tal-Appell żbalja meta ma għamilx evalwazzjoni globali.

---

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Mejju 2015 – Zhang vs UASI – K & L Ruppert Stiftung (Anna Smith)**

**(Kawża T-295/15)**

(2015/C 262/45)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Yongyu Zhang (Manchester, ir-Renju Unit) (rappreżentant: M. Steinert, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* K & L Ruppert Stiftung & Co. Handels-KG (Weilheim, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikant:* ir-rikorrent

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja verbali "Anna Smith" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 981 446

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI tas-27 ta' Frar 2015 fil-Każ R 1559/2014-5

**Talbiet**

— taċċetta, wara li tannulla d-deċiżjoni kkontestata dwar il-proċedimenti ta' oppożizzjoni Nru B 2 264 227 fir-rigward tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 981 446 tat-12 ta' Lulju 2013, it-trade mark verbali Anna Smith bħala trade mark Komunitarja għall-klassijiet 18 u 25, skont it-talba tar-rikorrent.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2015 – OASE vs UASI – COMPO France (AlGo)**

**(Kawża T-300/15)**

(2015/C 262/46)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* OASE, GmbH (Hörstel, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Weeg, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* COMPO France SAS (Roche-Lez-Beaupré, Franza)